MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 379/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Bezzina talli fid-29 ta’ Jannar 2003 ghall-habta tat-08.30 ta’ filghodu fil-Hamrun:

(1) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkagunat griehi gravi u permanenti fuq il-persuna ta’ P.C. 1037 R. Ciappara;

(2) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni taghha jew b’nuqqas ta’ tharis

tar-regolamenti kkagunat hsara ta' aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000) fuq il-mutur numru GVP-454 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(3) Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD-896 bi traskuragni u b'manjiera perikoluza;

(4) Naqset li tiehu l-prekawzjonijiet necessarji meta minn triq sekondarja kienet ser tohrog ghal gewwa triq maggura.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi, tiskwalifika lill-imsemmija Maria Bezzina milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 226(1)(a) u 328(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a), 15(2), 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 76 ta' l-Avviz Legaliu 128/1994, sabet lill-imsemmija Maria Bezzina hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha b'dan li r-reat kontemplat fl-artikolu 328(b) tal-Kap. 9 hu assorbit fir-reat aktar gravi kontemplat fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9, u kkundannatha ghall-piena komplessiva ta' elf liri Maltin (Lm1,000) multa. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikatha milli jkollha jew milli tikseb licenzji tas-sewqan ghal sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Maria Bezzina pprezentat fit-30 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija w piena, u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, fil-kaz li din il-Qorti tirriskontra htija inqas gravi, tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena inqas minn dik erogata mill-ewwel Qorti u konfacjenti mal-htija jew htijiet inqas gravi hekk riskontrati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tad-dinamika ta’ l-incident. L-appellanti ma qabditx u harget got-triq principali minghajr *proper look-out* izda harget ghax it-traffiku waqfilha filwaqt illi l-mutur kien *“jumping the queue”*; (2) isegwi ghalhekk illi l-ewwel Qorti ma applikatx il-principji legali zviluppati fil-gurisprudenza li japplikaw ghal kazijiet kongruwi; (3) is-sewqan ta’ l-appellanti ma seta’ qatt jikkwalifika bhala sewqan perikoluz jew bla kont izda ghall-massimu bhala sewqan traskurat; (4) f’kaz li din il-Qorti ssib xi htija fl-appellanti, din il-Qorti hi mitluba tqis jekk hemmx kontributorjeta` da parti tal-parti leza u b’hekk tittempera l-piena.

L-ewwel zewg aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v.**

Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Huwa minnu li, kif issostni l-appellanti, hemm certi kontradizzjonijiet bejn il-mod kif jiddeskrivi li sehh l-incident Emmanuel Azzopardi, xhud okulari, u kif jiddeskrivieh il-parti leza. Mill-provi pero`, m'hemm l-ebda dubju li fil-hin ta' l-incident l-appellanti harget minn Pjazza Kappillan Muscat ghal go Triq P.P. Mifsud wara li karozza kienet teptpitilha biex tohrog u m'hemm l-ebda dubju li P.C. 1037 kien qieghed jissorpassa filliera ta' karozzi u dan bl-iskop li jara ghaliex it-traffiku kien iggamjat. Ghalhekk huwa utili li jigu ezaminati d-doveri ta' dawn iz-zewg sewwieqa.

L-appellanti kienet certament konxja tad-doveri taghha bhala *side road user* li ccedi ghat-traffiku fuq it-triq principali, li tesplora tajjeb it-triq principali qabel ma tohrog fiha, li timxi *dead slow* u sahansitra twaqqaf biex u sakemm taccerta ruhha li tista' tohrog bla hsara. Effettivament hija tghid li meta kienet hierga minn Pjazza Kappillan Muscat hija waqfet fejn hemm l-i*sleeping policeman*, qabzitu bil-mod u regghet waqfet ghaliex kien hemm hafna traffiku. Pero` kien hemm xi karozza li teptpitilha d-dawl biex tohrog u hi hekk ghamlet u tghid: *"Jien kif hrigt sibt il-mutur tal-pulizija li dan laqatni fuq ix-xellug tal-karozza tieghi."* Issa, bil-fatt li kien hemm karozza li ssenjatilha li setghet tohrog, b'daqshekk ma jfissirx illi l-appellanti kienet qieghda tinghata brevett ta' immunita` ghall-konsegwenzi ta' dik il-manuvra. Id-doveri li hija kellha qabel ma ppuntat minn Pjazza Kappillan Muscat baqghu l-istess meta hija harget wara li sarilha s-sinjal li setghet taghmel hekk u allura giet biex taqsam il-karreggjata u tidhol fil-karreggjata opposta. Jigifieri kellha taccerta ruhha li setghet tohrog bla hsara ghal haddiehor

---

**Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

bl-osservanza ta’ l-istess doveri kif fuq elenkati. Huwa minnu li tghid li *“kif gejt biex qbizt il-vettura li kienet cedietli jien ittawwalt lejn Psaila Street u nghid illi kif immedjatament ittawwalt sibt il-mutur ghal fuqi”*, izda dan ifisser li hija kienet diga` lehqet sporgiet ‘il barra wisq qabel ma giet biex tesplora t-triq fuq il-lemin taghha.

Mill-banda l-ohra P.C. 1037 kien qieghed jaghmel manuvra kontinwa ta’ sorpass. Huwa stess jghid li kien qieghed jaqbez il-vetturi sabiex imur f’ras il-ghajn ha jara ghaliex kien hemm it-*traffic jam*, u dan sabiex jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala pulizija tat-traffiku. Naturalment xorta jibqa’ l-obbligu tas-sewqan prudenti u l-obbligu tal-*proper look-out*. U f’dan il-kaz P.C. 1037 holoq *flow* ta’ traffiku parallel ghal dak li kien hemm fil-karreggjata b’mod li seta’ jahsad kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik il-karreggjata[2]. U ghalkemm P.C. 1037 jghid li kien ghaddej bi speed zghir hafna, *“fil-fatt nghid kont fl-ilma jew inqas minn tletin kilometru fis-siegha”*, jidher li kien ikun aktar prudenti speed inqas meta wiehed iqis ic-cirkostanzi partikolari ezistenti meta sehh l-incident, bhalma huma l-ammont ta’ traffiku u l-lokalita`.

Hija ghalhekk il-fehma ta’ din il-Qorti illi kien hemm element ta’ kontributorjeta` da parti ta’ P.C. 1037 izda dan ma jiskolpax lill-appellanti illi ma haditx il-prekawzjonijiet kollha mehtiega li kienu jiddettaw ic-cirkostanzi tal-kaz.

Dak li jrid issa jigi determinat huwa jekk is-sewqan ta’ l-appellanti ghandux jigi klassifikat bhala sewqan perikoluz jew sewqan traskurat.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

---

[2] **Raymond Azzopardi vs Denise Buhagiar**, Qorti ta’ l-Appell (Superjuri), 16 ta’ Dicembru 2004, citat mill-appellanti.

**“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it--tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ghall-finijiet ta’ piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta’ sewqan traskurat hu kompriz u involut f’dak ta’ sewqan bla kont u f’dak ta’ sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)”.**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta’ Frar 2004:

**“...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta’ ‘degree’ (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV,**

**p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Din il-Qorti hi tal-fehma, fid-dawl tal-brani sucitati u tal-provi rizultanti, li fil-kaz in ezami s-sewqan ta' l-appellanti ma jistax jigi deskritt bhala perikoluz peress li mhijiex soddisfatta li hemm evidenza ta' *"recklessness"* fis-sewqan taghha u ghalhekk is-sewqan taghha ghandu jigi klassifikat bhala sewqan traskurat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament fis-sens illi qed tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta' sewqan perikoluz skond it-tielet imputazzjoni u ghalhekk tiddikjaraha mhux hatja ta' l-imputazzjoni ta' sewqan perikoluz u minnha tilliberaha, tiddikjara t-tielet imputazzjoni in kwantu tirrigwarda sewqan traskurat assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u inoltre tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-hlas ta' multa ta' elf liri Maltin (Lm1,000) u in kwantu skwalifikatha milli jkollha jew tikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata u minflok tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) u tiskwalifikaha mil-licenzji taghha tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------